KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4

10 LEĠISLATURA - LAQGĦA NO. 26 TAL-
KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 26 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 12 ta' Marzu 2026, fil-17.30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

Bjorn Bonello – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA 26**

26.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija;

26.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti – Laqgħa numru 24 u 25;

26.3 Punti mill-minuti;

26.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

26.5 Diskussjoni dwar l-operat tal-vapur trimaran *Noma Island,* u oħrajn simili;

26.6 Talba mill-Kumitat Festa San Pawl il-Baħar għal kontribuzzjoni finanzjarja għall-kiri u l-armar ta' sett slaleb fir-Randan 2026.;

26.7 Diskussjoni dwar l-applikazzjonijiet għall-iżvilupp fil-lokalità, fosthom PA1099/26;

26.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

26.9 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi;

26.10 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti ;

26.11 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss

**Membri Preżenti**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ċensu Galea | *Sindku* | Christopher Vella Petroni | *Viċi Sindku* |
| Raymond Tabone | *Kunsillier* | Sandra Gauci | *Kunsilliera* |
| Daryl Connor | *Kunsillier* | Rachel Williams | *Kunsilliera* |
| Joseph M. Attard | *Kunsillier* | Alexandra Smart Costantino | *Kunsilliera* |
| Mary Borg | *Kunsilliera* | Raymond Tabone | *Kunsillier* |

**26.1 Qari ta' ittri t'apoloġija**

Is-Sindku fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa u nofs u rringrazzja lill-membri kollha preżenti kif ukoll lil dawk li kienu qed isegwu l-laqgħa online. Is-Sindku informa li l-Kunsilliera Anne Marie Fenech, Alan Bugeja u Alex Agius talbu li jkunu skużati mill-laqgħa.

**26.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 24 u 25**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara il minuti tal-laqgħa numru 25, u fakkar lill-Kunsill fil-minuti tal-laqgħa preċedenti (Numru 24) li kienu ġew mqassma lill-membri waqt il-laqgħa Nurmu 25.

**26.3 Punti mill-minuti**

Is-Sindku informa lill-Kunsill fuq xi punti mill-minuti.

Xogħlijiet ta' refreshing: Ix-xogħlijiet għadhom għaddejjin mill-ħaddiema tal-Kunsill u mistennija jitlestew dalwaqt.

Tellieqa tar-Roti ta' San Martin: Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu; madankollu, ma jistax jeskludu l-possibbiltà li, sal-mument tat-tellieqa, ikunu għadu għaddejj xi xogħol mill-Water Services. S'issa l-Kunsill għadu marċieva l-ebda informazzjoni dwar dan.

Xogħlijiet tal-Water Services fi Triq Cassarino: Ix-xogħlijiet għadhom għaddejjin.

Toroq one-way: Is-Sindku ma rċieva l-ebda risposta mingħand il-Kunsilliera dwar il-pjanta li kienet mgħoddija għall-attenzjoni tagħhom. Għalhekk, ġie indikat li r-residenti ser jibdew jiġu nformati dwar x'ser isir u dwar l-implimentazzjoni ta' dawn l-one-way systems.

Xogħlijiet fil-Pjazza: Is-Sindku informa lill-membri preżenti li jinsab diżappuntat bil-fatt li għal tliet ġimgħat il-makkinarju kollu baqa' pparkjat viċin tal-Pjazza. Huwa spjega li l-makkinarju intuża il-Ħadd, u wara li mar personalment fuq il-post, ix-xogħlijiet bil-*heavy machinery* ġew irrapportati u waqfu minħabba li ma kellhomx il-permessi meħtieġa biex isiru matul il-Ħdud u l-festi.

PA 343/26: Is-Sindku xtaq jiġbed l-attenzjoni sabiex fil-minuti jiġi rrappurtat ukoll li l-Kunsillier Raymond Tabone ivvota kontra.

Problemi tekniċi: Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li, minħabba problemi tekniċi tas-sound waqt ir-recording tal-laqgħa, kien hemm xi punti li ma setgħux jinstemgħu b'mod ċar, u għal dan huwa skuża ruħu.

Pożizzjoni finanzjarja: Is-Sindku irrimarka li, wara li ġiet ippreżentata l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill, din ġiet approvata mill-membri preżenti.

Rigward il-punt fejn issemma l-monument ta' Freddie Portelli, il-Kunsillier Raymond Tabone xtaq jagħmel preċiżazzjoni li l-monument qed jiġi propost u sar b'inizjattiva tal-Kumitat

Monument Freddie Portelli. Il-Kunsill qed jgħin fl-installazzjoni tiegħu u qed jidħol għall-ispejjeż tal-permessi neċessarji.

Il-Kunsillier Joseph Matthew Attard ingħaqad mal-kumplament tal-membri fis-sitta (18:00).

Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Chris Vella Petroni , issekondat mill-Kunsillier Sandra Smart Costantino, kien hemm qbil unanimu u l-minuti tal-laqgħa Nru 24 ġew approvati.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Chris Vella Petroni, issekondat mill-Kunsilliera Mary Borg , kien hemm qbil unanimu u l-minuti ta' laqgħa Nru 25 ġew approvati hekk kif preżentati u emendati.

## 26.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku informa li se jelenka s-sitt skemi li qed jiġu offruti mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, u li se ssir diskussjoni għall-approvazzjoni tal-membri:

- Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2026
- Skema Lokalitajiet Aktar Nodfa
- Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri mwettqa mill-Gvern Ċentrali
- Skema "Komunitajiet Aktar B'saħħithom u Inklussivi"
- Skema Karnival 2027

Wara diskussjoni qasira, il-membri kollha preżenti qablu li jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet meħtieġa għal dawn l-iskemi msemmija.

Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva proposta mingħand l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu dwar il-proġett *Sidewalk Libraries*. Se jsiru aktar diskussjonijiet dwar il-postijiet proposti fejn jistgħu jitwaqqfu dawn il-libreriji, u l-proposta finali terġa' titressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Bħal kull sena, l-organizzaturi tal-Festa tal-Wardija ressqu talba għall-għajnuna mill-Kunsill. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni, u l-membri kollha qablu li tingħata l-għajnuna mitluba.

Is-Sindku informa li l-Aġent s-Segretarju Eżekuttiv staqsa formalment, permezz ta' imejl, liż-żewġ impjegati li għandhom il-grad meħtieġ jekk humiex interessati li jimlew il-pożizzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv, li issa hija rekwiżit obbligatorju għal kull Kunsill Lokali. Iż-żewġ impjegati indikaw li ma jixtiqux jaċċettaw din il-pożizzjoni.

Is-Sindku informa lill-membri, li madwar erba' snin ilu, il-Kunsill kien applika għal fondi relatati mat-tħawwil ta' siġar fil-lokalità. Matul dawn is-snin, minkejja l-korrispondenza kollha li saret, sfortunatament ma ġietx ipprovduta biżżejjed evidenza u dokumentazzjoni kif mitlub fil-kundizzjonijiet. Għaldaqstant, il-Kunsill ma jistax jibbenefika minn dan il-fond u se jkollu jirrifondi s-somma ta' €27,000 li kienet diġà tħallset b'rabta ma' dan il-proġett.

.

## 26.5 Diskussjoni dwar l-operat tal-vapur trimaran Noma Island, u oħrajn simili

Il-membri ġew informati li ntbagħtet imejl mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv lill-entitajiet ikkonċernati, jiġifieri l-ERA, Transport Malta u l-MTA. L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) infurmat li l-vapur inkwistjoni huwa bastiment kummerċjali (*commercial vessel*). Il-Kunsill Lokali m'għandux *vires* fuq dan il-każ, madankollu, bħala Kunsill xorta huwa iħoss li ssir rappreżentazzjoni formali.

Segwiet diskussjoni fejn ġie diskuss ukoll dak li deher fuq il-midja soċjali u x'jista' potenzjalment iseħħ. Intlaħaq qbil li, peress li l-Kunsill ma rċieva l-ebda komunikazzjoni uffiċjali, għandu joħroġ stqarrija pubblika. Din l-stqarrija se tkun ippreparata mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, iċċirkolata u approvata mill-membri. Għalhekk ġie miftiehem li fl-stqarrija jiġi ċċarat li, f'każ li l-proġett joħloq storbju eċċessiv jew nuqqas ta' parkeġġ fil-lokalità, il-Kunsill mhux se jaqbel.

**26.6 Talba mill-Kumitat Festa San Pawl il-Baħar għal kontribuzzjoni finanzjarja għall-kiri u l-armar ta' sett slaleb fir-Randan 2026**

Il-Kunsill irċieva talba għal għajnuna finanzjarja ta' elf ewro (€1,000) mingħand il-Kumitat tal-Festa sabiex isiru s-slaleb tad-dawl tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-membri qablu unanimament li tingħata din l-għajnuna.

**26.7 Diskussjoni dwar l-applikazzjonijiet għall-iżvilupp fil-lokalità, fosthom PA1099/26;**

PA 1099/26: Is-Sindku spjega li l-applikazzjoni PA 7537/24 kienet irtirata u, għaldaqstant, ir-rappreżentazzjoni li l-Kunsill kien issottometta fuq l-applikazzjoni preċedenti m'għadhiex tgħodd. Is-Sindku talab li l-Kunsill jerġa' jissottometti r-rappreżentazzjoni tiegħu bl-istess raġunijiet indikati qabel. Kien hemm qbil dwar dan.

PA 7614/24: Il-Kunsill ġie infurmat li diġà hemm oġġezzjoni sottomessa. Peress li din hija biss pubblikazzjoni mill-ġdid (*republishing*), m'hemmx għalfejn tintbagħat rappreżentazzjoni oħra, iżda l-Kunsill issottometta li r-rappreżentazzjoni oriġinali tibqa' tapplika.

PA 549/26: Din l-applikazzjoni diġà hija koperta bil-permess PA 989/22 bħala raba' marbuta u se tiġi rilaxxata minn dik l-applikazzjoni. Din qed tiġi nnotata biss għall-informazzjoni.

PA 544/26: Din tirrigwarda talba biex jinbena maħżen taħt l-art f'*sheep farm* biex jintuża bħala maħżen tal-makkinarju. Peress li l-permess għax-*sheep farm* diġà kien approvat (PA 6423/24), l-ambitu tar-rappreżentazzjoni huwa limitat, iżda l-Kunsill xorta se jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu.

PA 645/26: Il-Kunsill diġà għamel ir-rappreżentazzjoni tiegħu.

**26.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Is-Sindku informa li waslet informazzjoni dwar premju għal *Young Enterprise* fil-lokalità. Il-Kunsillier Joseph Matthew Attard issuġġerixxa li tiġi nnominata persuna għal dan il-premju. Intlaħaq qbil li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv joħroġ avviż fuq il-midja soċjali biex min hu interessat japplika.

**26.9 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi**

Ħarġa tal-Anzjani: Is-Sindku informa li l-ħarġa se ssir fis-26 tax-xahar u d-dettalji diġà qegħdin fuq il-midja soċjali tal-Kunsill.

Sistema Sage Cloud Base: Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali ħabbret li se jibda jintuża s-Sage Cloud Base. Il-Kunsill se jagħmel it-tranżizzjoni għal din is-sistema fil-futur qrib.

Korsijiet ta' CPD: Intbagħtet imejl bi tliet korsijiet offruti mill-Università ta' Malta bħala parti mill-*Continuous Personal Development*. Il-membri interessati għandhom jinfurmaw lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**26.10 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Is-Sindku ressaq l-Iskeda ta' Pagamenti għall-approvazzjoni. Din ġiet approvata fuq proposta tal-Kunsilliera Rachel Williams u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Smart Costantino, bi qbil unanimu.

**24.11 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:00. Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 9 ta' April 2026 fil-17:30, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

| | |
|---|---|
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |
| **Bjorn Bonello** | **Ċensu Galea** |